**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D**

**Illum 7 ta' Lulju 2025**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Kontra**

**Mohamad Alali**

Il-Qorti
Rat illi l-imputat:

Mohamad Alali ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Abdullah Alali u Ghaziza Albusen mwieled ġewwa Syria nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf u disa' mija u tlieta u disgħin (1993), u residenti ġewwa 2, Maria Assunta Flats, Flat 1, Triq id-dgħajjes, Paola, Malta u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0104992A

U f'isem ir-Repubblika ta' Malta nakkużawh talli nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għal ħabta ta' bejn it-tlieta (15:00hrs) u l-erbgħa (16:00hrs) ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq l-Arkata Paola u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Abdul Momen f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Abdul Momen hekk kif iċċertifikat minn Dott. Stephanie Frendo M.D Reg Nru. 3223;

*Artikoli 214, 215, 216, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

*Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Abdul Momen u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat illi fis-7 ta' Lulju 2025 inqraw l-akkuzi bil-gurament.
Semghet l-imputat jammetti l-imputazzjonijiet.
Rat li sar l-ezami tal-imputat.
Rat l-Artikoli 49,214, 215, 216, 218, 338(dd), 382A, 383, 384, 385, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti u dokumentazzjoni kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat**
L-akkuzat ammetta l-ħtija fl-istadju bikri ta' dawn il-proċeduri u kkolabora mal-Pulizija.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 49, 214, 215, 216, 218, 338(dd), 382A, 383, 384, 385, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni, tordna Ordni ta' Probation li tifforma parti integrali minn din is-sentenza kontra l-imputat Mohamad Alali ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tliet (3) snin, fejn fissret b'mod ċar lill-imputat l-effetti ta' din l-Ordni inkluż il-konsegwenzi f'każ ta' ksur tagħha jew ta' reat ieħor matul dan il-perjodu. Il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation huma li matul il-perjodu stipulat, l-imputat għandu ġġib ruħu tajjeb, joghod għad-direttivi kollha tal-Uffiċjal tal-Probation, żżomm kuntatt regolari u kontinwu mal-istess Uffiċjal, javża immedjatament dwar kull bidla fl-indirizz residenzjali tieghu, u jaċċetta żjajjar kif mitlub. L-Uffiċjal tal-Probation għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti dwar il-progress tal-ħati kull sena. Tordna ukoll Ordni ta' Protezzjoni kontra Mohamad Alali ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tliet (3) snin, fejn tipprojbixxih milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Abdul Momen; tipprojbixxih milli jkollu aċċess għal kwalunkwe fond fejn

jirrisjedi, jaħdem jew jiffrekwenta Abdul Momen, anke jekk l-imputat ikollu xi interess legali f'dak il-fond; u tipprojbixxih milli jikkuntattja lil Abdul Momen b'ebda mezz dirett jew indirett għal dan il-perjodu. Jekk mingħajr raġuni valida l-imputat jikser xi waħda minn dawn il-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet, jista', jekk jinstab ħati, jeħel multa ta' sebat elef ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn (2), jew it-tnejn li huma. Din l-Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza u ġiet spjegata l-portata tagħha.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**